# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2015 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2016-2017. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għat-Tieni Sena Kindergarten.

## It-Tieni Sena Kindergarten Subien

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien huwa ta' mija sebgħa u għoxrin (127) post.

Għat-tieni sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 26 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 7 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 2 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 2 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **37** |

Tliet applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d, u dawn ma tnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola, iħallu post vakant fl-iskola fejn jattendu. Meta nnaqqsu t-total ta' postijiet okkupati (37) mit-total ta' postijiet vakanti (127), dan iħalli total ta' disgħin (90) post vakant.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet huwa ta' tliet mija u tliet (303) postijiet.

L-iskola St. Joseph ta' Blata l-Bajda se żżied klassi fit-tieni sena Kindergarten għalhekk se jiżdiedu erbatax-il post (14) vakanti ma' dawk diġà imħabbra; b'hekk it-total ta' postijiet vakanti se jkun ta' tliet mija u sbatax-il post (317). Dan ifisser li fis-sena skolastika 2017-2018 St

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Joseph ta' Blata l-Bajda ma tilqax tfal ġodda fl-ewwel sena primarja għaliex ikunu diġà daħlu fit-tieni sena kindergarten 2016-2017.

Għat-tieni sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 93 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 15 |
| *1d Trasferiment bejn skejjel tal-istess Kongregazzjoni* | 1 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 2 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 3 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **114** |

Żewġ applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d. Waħda minnhom hija minn Għawdex għalhekk irid jitnaqqas post. Fil-każ l-ieħor ma jitnaqqasx post għaliex filwaqt li din se tokkupa post fi skola, tħalli post vakant fl-iskola fejn tattendi. Meta nnaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (114) mit-total ta' postijiet vakanti (317), dan iħalli total ta' mitejn u tliet (203) postijiet vakanti.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta waħda minn dawn l-aħwa tirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

## Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja**
**22 ta' Jannar 2016**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**